MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2003

Numru 125/2002

**Il-Pulizija**

**Spettur Silvio Valletta**
**V**

**JASON ABELA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JASON ABELA** ta' tletin sena bin John u Shiela nee Sheriff, imwieled Pieta nhar t-tlettax ta' Awissu 1971u joqghod Seabreeze Court, Flat 7, Triq t-Turisti, Qawra, detentur tal-karta tal-identita numru 488971M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'Haz Zebbug nhar t-tmienja ta' Frar 2002 ghall-habta tas-sitta w ghaxra ta' filghodu flimkien ma persuni ohra :

1. Ikkommetta serq ta' somma flus ta' tmintax il-elf lira maltin u affarijiet ohra minn J&V Vibro Block sitwat fi Triq Imdina, liema serq huwa kkwalifikat bil-

vjolenza, bil-mezz, bil-hin, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin u li sar ghad-dannu ta' dirigenti tal-istess kumpanija;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bla ordni skond l-ligi ta' awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Raymond Vassallo kontra l-volunta tieghu;

3. Talli f'H'Attard, matul l-lejl tal-wiehed u tletin ta' Awissu 2001 u l-ewwel ta' Settembru 2001, flimkien ma persuni ohra mhux maghrufa ikkommetta serq ta' oggetti minn fond 'Mon Fleur', Triq il-Faqqiegh, Misrah Kola, liema serq huwa kkwwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-valur li jeccedi l-mitt lira maltin u bil-lok u li sar ghad-dannu ta' Raymond Vassallo;

4. Talli f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-ghoxrin ta' Marzu 2002 esibita fl-att a fol 21.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fl-ewwel opportunita` moghtija lilu u cioe` waqt l-esami li sarlu nhar il-hmistax ta’ Frar, 2002 ai termini tal-artikoli 390 (1) u 392 tal-Kodici Kriminali.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid

jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lil partijiet jittrattaw dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat qed jigi akkuzat b'reati serji hafna u cioe fost affarijiet ohra fuq holdup u serq ta' flus fl-ammont li jeccedi s-sittax il-elf lira Maltin, sekwestru ta' persuna u ricettazzjoni, liema reati pero sehhew flimkien ma terzi persuni li ghandhom il-kaz taghhom ghaddej b'mod separat il-Qorti.

Minn naha l-ohra pero il-Qorti qiset s-segwenti fatturi:

a. l-ammissjoni bikrija tal-imputat ghar-reati kollha addebitati lilu u dan fl-ewwel appuntament li nghata u cioe fis-seduta tat-tmintax ta' Frar 2003 u cioe ghaxart ijiem biss wara li gew kommessi r-reati fuq imsemmija;
b. il-ko-operazzjoni totali tal-imputat tul l-investigazzjoni u dan sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u cioe mill-mument tar-rilaxx tal-istqarrija u cioe meta kien ghadu qed jigi nvestigat mill-Pulizija Ezekuttiva nhar l-erbatax ta' Frar 2003 kif jirrizulta mill-ezami tal-istess stqarrija esibita fl-atti a fol 10 mmarkata bhala dokument CSH 2;
c. illi l-imputat diga ta x-xhieda tieghu b'mod dettaljat fil-konfront tal-awturi ta' dan r-reat u dan fil-Qorti fil-presenza taghhhom;
d. illi l-imputat odjern ma kienx l-awtur ta' dawn r-reati izda l-komplici u ghalkemm il-piena legalment ghandha tkun l-istess, il-Qorti ma thossx li m'ghandhix taghti kaz il-konsiderazzjoni ta' kif agixxa l-komplici f'dan il-kaz indipendentement minn kif agixxa u effettivament ippartecipa l-imputat odjern;

e. illi l-imputat ma ha xejn bhala rikavat minn din s-serqa;
f. illi l-imputat ghandu fedina penali relattivament indellibbli salv ghal kontravenzjoni wahda registrata fis-sena 1993 meta ghamilha ta' hawker minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u gie mmultat ghoxrin lira maltin;
g. illi l-imputat kellu problema kbira ta' dipendenza ta' droga u li llum il-gurnata l-imputat gharaf jindirizza din il-problema tant li beda programm ta' rihabilitazzjoni b'mod residenzjali.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serja hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li ghandha taghti cans lil imputat sabiex jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta li wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha u dan ghaliex temmen li l-isforz tieghu huwa wiehed genwin.

Semghet lil Karm Borg, rappresentant tal-Caritas jghid li l-imputat beda programm ta' rihabilitazzjoni f'Mejju 2003 mal-Caritas u li llum il-gurnata ghamel progress kbir tant li ser jigi nominat bhala c-chief tas-sezzjoni tieghu u ghalhekk fid-dawl ta' din ix-xhieda il-Qorti thoss li x-xewqa tieghu sabiex johrog minn din l-problema hija wahda sinciera u affidabbli u l-isforz tieghu biex jgheleb dan il-vizzju mishut jidher genwin.

Il-Qorti ezaminat wkoll l-pre-sentecning inquiry report tal-Probation Officer nominata minn din l-istess Qorti b'digriet taghha tat-tmienja ta' April 2002 liema rapport gie esibit

fis-seduta tat-tnejn ta' Lulju 2002 u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat verament kellu probelma ta' droga tant li kien hemm zmien meta anke beda jattendi ghal xi laqghat mal-agenzjia Sedqa u li in effetti kien jaghti urine samples.

Illi pero bir-rispett kollu lejn dan r-rapport jirrizulta li huwa out dated u dan ghaliex il-kambjament li gie registrat fuq l-imputat sehh wara li sar dan r-rapport u gie ppresentat u cioe minn meta l-imputat beda l-programm ta' disintossifikazzjoni residenzjali. Jidher li l-imputat iddispjacih bil-kbir ghal dak li ghamel.

Fid-dawl tas-suespost u wara li rat l-artikoli tal-ligi kif moghtija mill-Avukat Generali nhar l-ghoxrin ta' Marzu 2002 esibita fl-att a fol 21 u cioe l-artikoli **261(a)(b)(c)(f), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 276, 277, 330, 278, 279(b), 280, 281, 334, 17(b), 20, 22, 23 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** thoss li l-piena idoneja hija dik ta' sentenza sospiza b'ordni ta' supervizjoni ai termini tal-artikolu 28 (g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan minhabba li jezistu c-cirkostanzi specjali u straordinarji sabiex jigu applikati l-artikoli 21 u 28 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Illi ghalhekk il-Qorti tiddecidi billi tikkundanna lil imputat JASON ABELA ghal piena ta' sentejn [2] prigunerija b'dan pero li tordna ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li din il-piena ta' prigunerija m'ghandhix ssehh hlief jekk matul l-perjodu ta' erbgha [4] snin mill-lum, l-hati Jason Abela jikkommetti xi reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija u bl-applikazzjoni tal-artikolu 28G tal-Kodici Kriminali, il-Qorti qed tpoggi lil istess Jason Abela taht is-supervizjoni tal-Ufficjal tal-Probation Carmen Borg bhala Ufficjal Sorveljanti ghaz-zmien kollu tal-perjodu operattiv u cioe erbgha [4] snin mill-lum bhala kundizzjoni ewlenija ta' din l-ordni, il-Qorti tordna lill-imputat sabiex jkompli u jispicca l-programm ta' rihabilitazzjoni li huwa beda.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil hati kemm r-responsabbilita tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk hu jikkommetti reat li ghalih hemm piena karcerarja matul l-perjodu operattiv kif wkoll l-effetti ta' din l-ordni ta' supervizjoni.**

**In oltre qed tikkundanna lil istess hati Jason Abela jhallas multa ta' hames mitt lira Maltin (LM 500).**

**Tordna li kopja ta' din l-ordni tingahta lil hati Jason Abela kif wkoll lil Ufficjal Sorveljanti Carmen Borg.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------